

32004R0050

13.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 7/9

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 50/2004

tad- 9 ta' Jannar 2004

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 dwar l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u prodotti tal-ħalib u kwoti tat-tariffi tal-fuħ, u li jidderoga minn dak ir-Regolament**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 26(3) u 29(1) tiegħu,

billi:

- (1) Il-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001<sup>(2)</sup> jikkonċerna l-iktar, kwota annwali għall-butir, li ma tkunx maqsuma tul is-sena. Biex taċċetta l-importazzjoni taħt din il-kwota biex tkun imqassma ndaqs tul is-sena tal-kwota, biex tassigura provvista xierqa tas-suq intern, il-kwota msemija għandha tkun allokata f'żewġ porzjonijiet ta' sitt xhur il-wieħed, u trid tieħu ħsieb l-iżvilupp storiku tal-prodott konċernat fil-perjodu tal-kwota.
- (2) Il-Kapitolu I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jikkonċerna kwoti allokati fuq bażi ta' żewġ perjodi ta' sitt xhur f'Jannar u Lulju ta' kull sena. Minħabba l-adeżjoni ta' l-10 Stati Membri ġodda fl-1 ta' Mejju 2004, l-operaturi ta' dawn il-pajjiżi għandhom jingħataw l-opportunità biex jipparteċipaw fil-kwoti tal-Komunità minn dik id-data. Sa dan l-aħħar, il-kwantitajiet miftuħa f'Jannar 2004 għandhom ikunu limitati għall-kwantitajiet ekwivalenti għall-perjodu minn Jannar sa April 2004. Madankollu, din l-allokazzjoni ma għandhiex tapplika għall-kwoti tas-sena kalendarja, fejn daww il-kwoti huma karatterizzati minn użu inqas mill-perjodi ta' qabel.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jinkludi regoli dettaljati biex ikunu applikati, fil-ħalib u fis-settur tal-prodotti tal-ħalib, l-arranġamenti ta' l-importazzjoni kif previst fil-Ftehim Ewropew bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, ta' parti waħda, u xi pajjiżi ta' l-Ewropa ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant, fuq il-parti l-oħra. Biex ikunu implimentati l-konċessjonijiet previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/452/KE tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-aspetti tal-kummerċ tal-Ftehim Ewropew li jstabilixxi

assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, li jaħdmu fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, ta' parti waħda, u r-Repubblika ta' l-Islowenja, tal-parti l-oħra, biex jieħdu ħsieb ir-riżultat tan-negożjati bejn il-partijiet dwar konċessjonijiet ġodda agrikoli bejn xulxin<sup>(3)</sup>, ċerti kwoti eżistenti għandhom jizjeddu.

- (4) Sabiex iżommu l-Kummissjoni nformata dwar it-tibdiliet fil-komposizzjoni tal-ġobon impurtat taħt kwoti differenti, skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 l-operaturi għandhom jindikaw ċertu kontenut fuq id-dikjarazzjonijiet ta' l-importazzjoni. Fejn il-kontenut li jidher ikun iktar minn dak li jidher fl-Anness XIII, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ta' dan. In-notifikazzjonijiet li tirċievi l-Kummissjoni minħabba li timponi din l-obbligazzjoni turi grad ta' stabilità fil-komposizzjoni tal-ġobon impurtat, rigward it-tip u l-oriġini tal-ġobon. In-notifikazzjonijiet jipproduċu ħafna xogħol għas-servizzi tad-dwana u għall-Kummissjoni, u jipproduċu volum sostanzjali ta' dokumenti, waqt li l-eċċessività fuq il-kontenut bażiku hija negliġibbli f'ħafna każijiet. Allura n-notifikazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal każijiet fejn il-kontenut huwa għoli b'mod anormali, billi jkun addattat il-kontenut fl-Anness XIII. Barra minn hekk, għal ċerti kategoriji ta' ġobon, il-vantaġġ li jinkisbu notifikazzjonijiet fuq l-eċċessività tal-kontenut fl-Anness XIII approva li kienu negliġibbli, bħal kull varjazzjoni fil-kontenut konċernat jibqa' f'intervalli iffissati fid-deskrizzjoni ta' daww il-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda. In-notifikazzjonijiet għall-prodotti msemija għandhom ikunu mneħħija minħabba dan.
- (5) New Zealand bagħtet l-informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-korp ġdid li ħiereġ. L-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 b'hekk għandhu jkun aġġornat.
- (6) Fid-dehra ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda fl-1 ta' Mejju 2004, il-perjodu ta' validità tal-liċenzi użati għall-importazzjoni li joriġinaw fl-Istati Membri ġodda għandhom ikunu limitat sat-30 ta' April 2004. B'hekk għandha ssir deroga mill-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001.

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1787/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.2003, p. 121).

<sup>(2)</sup> ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2012/2003 (ĠU L 297, tal-15.11.2003, p. 19).

<sup>(3)</sup> ĠU L 152, 22.06.03, p. 22.

- (7) L-allokazzjoni tal-kwota għall-butir li taqa' taħt il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 f'perjodi ta' sitt xhur taffettwa r-ritmu tal-ħruġ taċ-ċertifikati ta' IMA 1 mill-korp maħruġ mill-pajjiż terz konċernat. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn il-pajjiżi u operaturi interessati jkunu jistgħu jieħdu nota ta' din l-emenda qabel tidħol fis-seħħ, u skond l-impenni internazzjonali tal-Kommunità, terminu perentorju adegwat għandu jiġi stabbiliti bejn il-pubblikazzjoni u d-data li fiha tibda sseħħ l-allokazzjoni tal-kwota msem-mija hawn fuq. Barra minn hekk, ladarba l-korpi maħruġa tal-pajjiżi terzi setgħu joħorġu ċertifikati ta' l-IMA 1 għall-2004 mill-1 ta' Novembru 2003, il-kwistjoni tal-liċenzi ta' l-importazzjoni għaċ-ċertifikati kollha ta' l-IMA 1 maħruġa sal-ġurnata qabel il-ġurnata li fiha tibda sseħħ l-allokazzjoni tal-kwota għandha tkun awtorizzata.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għalhekk għandu jkun emendat u dderogat.
- (9) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

3. L-Anness I huwa emendat kif ġej:
- (a) Il-Parti I.A hija mibdula mit-test fl-anness I ta' dan ir-Regolament.
- (b) Fil-Parti I.B, il-punti 5, 6 u 10 huma mibdula mit-test fl-ANNEX II ta' dan ir-Regolament.
- (ċ) Il-Parti I.F u I.H huma mibdula bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;
4. fl-Anness III.A, id-dettalji li jrrrelataw man-numru tal-kwota 09.4589 huma mibdula mit-test fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
5. fl-Anness XII, id-dettalji li jirrelataw mal-korp maħruġ għal New Zealand huma mibdula b'dan li ġej:

Isem	Post
Is-Sigurtà ta' l-Ikel ta' New Zealand-L-Awtorità	South Tower 68-86 Jervois Quay PO Box 2835 Wellington New Zealand Nru tat-Telefon: (64-4) 463 2500 Fax (64-4) 463 2501"

6. L-Anness XIII huwa mibdul bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 24(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. l-Anness III ta' dan ir-Regolament jiddikjara id-doveri li jridu jiġu applikati u, fil-każ ta' l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a), il-kwantitajiet massimi li jiġu impurtati permezz tal-perjodu tal-kwota."

2. is-subparagrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 26(2):

"Madankollu, għan-numru tal-kwota 09.4589, iċ-ċertifikati ta' l-IMA 1 jistgħu jinħarġu:

- (a) mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, validu mill-1 ta' Jannar li ġej, għall-kwantitajiet li ma jaqbżux il-kwantità massima ta' l-ewwel perjodu tal-kwota ta' dik is-sena, kif msemmi fl-Anness III.A. Madankollu, l-applikazzjonijiet tal-liċenza ta' l-importazzjoni jistgħu jkunu alloġġati biss mill-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Jannar;
- (b) mill-1 ta' Mejju ta' kull sena, validi sa mill-1 ta' Lulju li ġej, għall-kwantitajiet li jifdal tal-kwantità annwali tal-kwota, kif msemmija fl-Anness III.A. Madankollu, l-applikazzjonijiet tal-liċenza ta' l-importazzjoni jistgħu jkunu alloġġati biss mill-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Lulju."

#### Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, il-perjodu ta' validità tal-liċenzi għandu jiskadi fit-30 ta' April 2004 għall-:

- (a) importazzjoni taħt il-kwoti msemmija f'punti mill-1 sa 4 u minn 7 sa 10 ta' l-Anness I.B;
- (b) importazzjoni li toriġina mill-stati Membri ġodda taħt il-kwoti msemmija fl-Anness I.A.

#### Artikolu 3

B'deroga mill-Artikolu 24(2) u 26(2), għall-2004, għan-numru tal-kwota 09.4589, il-liċenzi ta' l-importazzjoni jistgħu jkunu maħruġa fuq preżentazzjoni taċ-ċertifikati ta' l-IMA 1 maħruġa sal-ġurnata qabel il-ġurnata li fiha d-dispożizzjonijiet msemmija fil-punti 1 u 2 ta' l-Artikolu 1 jidħlu fl-applikazzjoni.

#### Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-punti 1, 2 u 4 ta' l-Artikolu 1, u l-Artikolu 3, għandhom jgħoddu mill-ġurnata 21 wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-punti 3, 5 u 6 ta' l-Artikolu 1, u l-Artikolu 2, għandhom jgħoddu mill-1 Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Jannar 2004.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## L-ANNESS I

## "IA

## KWOTI TAT-TARIFFI MHUX SPEĊIFIKATI BIL-PAJJIŻ TA' L-ORIĠINI

Numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni (1)	Il-Pajjiż ta' l-oriġini	Kwota ta' kull sena	Kwota mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004	Kwota mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju 2004	Id-dazju ta' l-importazzjoni (EUR/100 kg piż net)
09.4590	0402 10 19	Ħalib tat-trab xkumat	Il-pajjiżi terzi kollha	68 000	22 667	11 333	47,50
09.4599	0405 10 11 0405 10 19 0405 10 30 0405 10 50 0405 10 90 0405 90 10 (*) 0405 90 90 (*)	Butir u xaħmijiet oħra u żjut imnisslin mill-ħalib	Il-pajjiżi terzi kollha	10 000	3 333	1 667	94,80
				f'butir ekwivalenti			
09.4591	ex 0406 10 20 ex 0406 10 80	Ġobon tal-pizza, iffriżat, maqsum f'biċċiet li ma jiżnux iktar minn 1 gram, f'kontenituri b'kontenut net ta' 5 kg jew iktar, ta' kontenut ta' l-ilma, bilpiż, ta' 52 % jew aktar, u kontenut ta' xaħam bil-piż f'materja xotta ta' 38 % jew iktar	Il-pajjiżi terzi kollha	5 300	1 767	883	13,00
09.4592	ex 0406 30 10	Emmentaler Ipproċessat	Il-pajjiżi terzikollha	18 400	6 133	3 067	71,90
	0406 90 13	Emmentaler					85,80
09.4593	ex 0406 30 10	Gruyère Ipproċessat	Il-pajjiżi terzi kollha	5 200	1 733	867	71,90
	0406 90 15	Gruyère, Sbrinz					85,80
09.4594	0406 90 01	Ġobon għall-ipproċessar (2)	Il-pajjiżi terzi kollha	20 000	6 667	3 333	83,50
09.4595	0406 90 21	Cheddar	Il-pajjiżi terzi kollha	15 000	5 000	2 500	21,00

Numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni (!)	Il-Pajjiż ta' l-oriġini	Kwota ta' kull sena	Kwota mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004	Kwota mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju 2004	Id-dazju ta' l-importazzjoni (EUR/100 kg piż net)
09.4596 (jissokta)	ex 0406 10 20	Frisk (mhux misjur jew jinkludi ġobon tax-xorrox, mhux immellaħ) ġobon, moxx, barra li Ġobon tal-pizza tan-numru tal-kwota 09.4591	Il-pajjiżi terzi kollha	19 500	6 500	3 250	92,60
	ex 0406 10 80						106,40
	0406 20 90	Ġobon ieħor maħkuk jew tat-trab					94,10
	0406 30 31	Ġobon ieħor ipproċessat					69,00
	0406 30 39						71,90
	0406 30 90						102,90
	0406 40 10 0406 40 50 0406 40 90	Ġobon bil-vina blu					70,40
	0406 90 17	Bergkäse u Appenzell					85,80
	0406 90 18	Fromage Fribourgeois, Vacherin Mont d'Or un Tête de Moine					75,50
	0406 90 23	Edamasiers					
	0406 90 25	Tilsit					
	0406 90 27	Butterkäse					
	0406 90 29	Kashkaval					
	0406 90 31	Feta, tal-ħalib tan-nagħġa jew tal-ħalib tal-buflu					
	0406 90 33	Feta, ieħor					
	0406 90 35	Kefalo-Tyri					
	0406 90 37	il-Finlandja					
0406 90 39	Jarlsberg						
0406 90 50	Ġobon tal-ħalib tan-nagħġa jew tal-ħalib tal-buflu						
ex 0406 90 63	Pecorino	94,10					
0406 90 69	Oħrajn						
0406 90 73	Provolone	75,50					
ex 0406 90 75	Caciocavallo						
ex 0406 90 76	Danbo, Fontal, Fynbo, Havarti, Maribo, Samsø						
0406 90 78	Gouda						

Numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni <sup>(1)</sup>	Il-Pajjiż ta' l-oriġini	Kwota ta' kull sena	Kwota mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004	Kwota mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju 2004	Id-dazju ta' l-importazzjoni (EUR/100 kg piż net)
	ex 0406 90 79 ex 0406 90 81	Esrom, Italico, Kernhem, Saint-Paulin Cheshire, Wensleydale, Lancashire, DoubleGloucester, Blarney, Colby, Monterey					
	0406 90 82	Camembert					
	0406 90 84	Brie					
	0406 90 86	Ikun iktar minn 47 % imma ma jaqbix it-52 %					
	0406 90 87	Ikun iktar minn 52 % imma ma jaqbix it-62 %					
	0406 90 88	Ikun iktar minn 62 % imma mhux jaqbeż it-72 %					
	0406 90 93	Ikun iktar minn 72 %					92,60
	0406 90 99	Oħrajn					106,40

(\*) 1 kg Prodotti = 1,22 kg butir.

(<sup>1</sup>) Mingħajr ir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodott għandu jkun ikkunsidrat li għandu biss valur indikattiv, minħabba li l-applikabbiltà ta' l-arranġamenti preferenzjali hija determinata fil-kuntest ta' dan l-Anness bl-iskop tal-kodiċi tan-NM. Fejn il-kodiċi ta' ex NM huma indikati, l-applikabbiltà ta' l-iskema preferenzjali hija determinata fuq il-bażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

(<sup>2</sup>) Il-ġobnijiet msemija huma kkunsidrati bħala proċessati meta jkunu pproċessati fi prodotti li jaqgħu taħt it-titlu 0406 30 tan-Nomenklatura Magħquda. L-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jgħoddu.”

## "I.B

## 5. Il-prodotti li joriġinaw mir-Rumanija

Numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni(1)	Id-dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet (tunnellata metrika)			
				Kwota ta' kull sena	Kwantitajiet mill-1.1.2004 sat-30.4.2004	Kwantitajiet mill-1.5.2004 sat-30.6.2004	Żieda annwali mill-1 ta' Lulju 2004
09.4758	0406	Ġobon u baqta (2)	B'xejn	2 600	867	433	200

## 6. Il-prodotti li joriġinaw mill-Bulgarija

In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni (1)	Id-dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet (tunnellata metrika)			
				Kwota ta' kull sena	Kwantitajiet mill-1.1.2004 sat-30.4.2004	Kwantitajiet mill-1.5.2004 sat-30.6.2004	Żieda annwali mill-1 ta' Lulju 2004
09.4675	0403 10 11 0403 10 13 0403 10 19 0403 10 31 0403 10 33 0403 10 39		B'xejn	500	167	83	0
09.4660	0406	Ġobon u baqta (2)	B'xejn	6 400	2 133	1 067	300

## 10. Il-prodotti li joriġinaw mis-Slovenja

In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni(1)(2)	Id-dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet ta' kull sena (tunnellata metrika)		2004 kwantitajiet (tunnellata metrika)
				Mill-1.1.2003	Kwantitajiet miftuħa fl-2003	Miftuħa f'Janar 2004
09.4086	0402 10 0402 21		20 %	1 500	1 500	750
09.4087	0403 10		20 %	750	750	375
09.4088	0406 90		B'xejn	600	450	450 (= 300 + 150)"

## L-ANNESS III

## "I.F

IL-KWOTI TAT-TARIFFI TAĦT L-ANNESSI II U III TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-IŻVIZZERA FUQ KUMMERĊ TA' PRODOTTI AGRIKOLI

In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Id-dazju tad-dwana	Kwantitajiet tal-kwoti				
				2003/2004 kwota				2004 u wara mill-1 ta' Lulju sat-30 Ġunju
				Total	mill-1.7 sat-31.12.2003	mill-1.7 sat-31.12.2003	mill-1.5 sat-30.6.2004	
09.4155	ex 0401 30 0403 10	Krema, ta' mhux iktar minn 6 % kontenut tax-xaħam bil-piż Yoghurt	eżenti	2 000	1 000	667	333	2 000

In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Id-dazju tad-dwana	Kwantitajiet tal-kwoti							
				2003/2004 kwota				2004	2005	2006	minn ta' l-1.6.2007
				Total	mill-1.7. sat-31.12.2003	mill-1.1. sat-30.4.2004	mill-1.5. sat-30.6.2004	mill-1 Lulju sat-30 ta' Ġunju		mill-1 ta' Lulju sat-31 ta' Mejju	
09.4156	ex 0406	Ġobnijiet oħra barra daww imsem-mija fl-ANNESS II	eżenti	4 250	2 125	1 417	708	5 500	6 750	7 646	mhux limitat

## I.H

IL-KWOTI TAT-TARIFFI TAĦT L-ANNESS I TAL-FTEHIM MAR-RENJU TAN-NORVEĠJA

tunnellata metrika

In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni (!)	Id-dazju tad-dwana	Quota				
				Ta' kull sena	kull sitt xhur	2003/2004		
						kull sitt xhur mill-1 ta' Lulju sat-31 ta' Diċembru 2003	mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004	mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju 2004
09.4781	ex 0406 90 23 ex 0406 90 39 0406 90 78 0406 90 86 0406 90 87 0406 90 88	Edam Jarlsberg Norveġiż Gouda Norveġiż Ġobnijiet oħra	eżenti	3 467	1 733,5	1 733,5	1 155,7	577,8



In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni <sup>(1)</sup>	Id-dazju tad-dwana	Quota				
				Ta' kull sena	kull sitt xhur	2003/2004		
						kull sitt xhur mill-1 ta' Lulju sat-31 ta' Diċembru 2003	mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004	mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju 2004
09.4782	0406 10	Ġobon frisk	eżenti	533	266,5	266,5	177,7	88,8

<sup>(1)</sup> Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jkun ikkunsidrat li ma għandux ħlief valur indikattiv, l-arranġamenti preferenzjali huma determinati-fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi tan-NM.”

## L-ANNEX IV

In-numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Il-Pajjiż ta' l-oriġini	Kwota annwali minn Jannar sa Diċembru (kwantitajiet f'tunnel-lata metrika)	Kwota massima Jannar — Ġunju (kwantitajiet f'tunnel-lata metrika)	Id-dazju ta' l-importazzjoni (EUR/100 kg piż net)	Regoli biex jimtlew iċ-ċertifikati ta' l-IMA 1
"09.4589	ex 0405 10 11 ex 0405 10 19  ex 0405 10 30	Butir, li ilu sitt ġimgħat, li fih kontenut ta' xaħam bil-piż ta' mhux inqas minn 80 % imma inqas minn 82 % manifatturat direttament mill-ħalib jew krema mingħajr l-użu ta' materjal merfugħ, fi proċess waħdu, fi innifsu u mhux imfixkel  Butir, li ilu sitt ġimgħat, b'kontenut ta' xaħam bil-piż ta' mhux inqas minn 80 % imma inqas minn 82 %, manifatturat direttament mill-ħalib jew krema mingħajr l-użu ta' materjal merfugħ, fi proċess waħdu, fi innifsu, mhux imfixkel li jista' jinvolve l-krema li tgħaddi minn faċi fejn ix-xaħam tal-butir huwa kkonċentrat u/jew imqassam (il-proċessi msejħa 'Ammix' u 'Spreadable')	New Zealand	76 667	42 167	86,88	Ara l-Anness IV"

## L-ANNEX V

## "L-ANNEX XIII

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni <sup>(1)</sup>	Kontenut b'materja xotta bil-piż (%)	Kontenut ta' xaħam bil-piż (%) f'materja xotta	Il-kontenut ta' xaħam bil-piż (%)
0406 10 20	Ġobon frisk	58	71	
0406 30	Ġobon ipproċessat	—	56	—
0406 90 01	Ġobon għall-ipproċessar	65	52	
0406 90 13	Emmentaler	65	48	
0406 90 21	Cheddar	65	52	
0406 90 23	Edam	58	44	
0406 90 69	Ġobnijiet iebsa	65	40	
0406 90 78	Gouda	59	50	
0406 90 81	Cantal, Cheshire, Wensleydale, eċċ...	64	52	
0406 90 99	Ġobnijiet oħra			42

<sup>(1)</sup> Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija mifhuma li tkun indikattiva biss."